MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1040/2002

**Mark Anthony Taliana**

**vs**

**Antonia Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datat 13 ta’ Settembru 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fit-8 t’April 1994 fil-Knisja Parrokkjali, Ta’ Xbiex, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv, li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok “A”;

Illi l-kunsens ta' l-attur kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-konvenuta, li min-natura tieghu seta' jfixkel il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ulterjorment, il-kunsens tal-partijiet inghata b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-8 t'April 1994 null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti lill-attur fit-13 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggietlu terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu permessibbli bil-procedura tal-affidavits.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-12 ta' Dicembru 2002 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi dan iz-zwieg huwa null ghal ragunijiet imputabbli lill-attur. Il-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

2. Illi l-attur fid-dikjarazzjoni tieghu jghid li ma kienx jemmen fil-permanenza taz-zwieg u b'hekk ukoll hu donnu li kien eskluda wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-attur ukoll jghid li hu kien qed jeskludi l-possibbilta' ta' tfal minn dan iz-zwieg.

4. Illi ghalhekk il-konvenuta ma ghandha tbaghti l-ebda spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2003 fejn Dr. Ramona Frendo ghall-attur ipprezentat nota bl-affidavits tal-attur, u tal-genituri tieghu, Carmel *sive* Charles Taliana, u Joan *sive* Jane Taliana b'kopja lill-kontro-parti, u ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Inghata digriet affidavit lill-konvenuta b'terminu ta' erbghin (40) gurnata u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha u ta' huha Monty Joseph Bugeja.

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2003 fejn wara li l-Qorti giet infurmata li l-provi gew maghluqa, fuq talba tad-difensur tal-attur il-Qorti pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-vist/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu sabiex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta' Marzu 2004.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, it-tnejn datati 26 ta' Marzu 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg**, u precizament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inciz (1) (b), (d) u (f)**.

- **ARTIKOLU 19 (1) (d)**:-

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno*, fl-ewwel lok taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe' *commitment* li jinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrekjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-

konoxxenza shiha ta’ dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e’ di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita”. (**Forum 1990**. Vol. 1, part 1, pg 72).*

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet, u cjoe’ ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre’* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentiment taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili jvarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta’ difett psikologiku serju fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** (deciza fl-4 ta’ Novembru 1994), il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F’din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f’dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva … La maturita’ di giudizio comporta una conoscienza critica proporzionata all’atto da compiere, aglie obbligi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella*

*adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente una sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emetter il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale –** ***Bersini*** – Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe' dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

- **ARTIKOLU 19 (1) (f)**:-

Illi dan l-artikolu tal-ligi jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali kemm dik totali, kif ukoll dik parzjali. Illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat fit-totalita' tieghu meta xi parti fiz-zwieg jew anke t-tnejn li huma,

jkunu eskludew iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokrejazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra. Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata biex jigi stabbilit jekk il-persuna li tkun qed taghti l-kunsens kellhiex il-volonta' u x-xewqa li teskludi z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 sub-inciz (1) (f) tal-Kap 255** ighid testwalment li zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo Derecho Matrimonial Canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b’xi mod simulat, allura dak ma jibqax wiehed validu.  Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat?  Jekk il-kunsens intern ta’ persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta’ l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma’ dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta’, nell’ interno della sua volonta’ non vuole la celebrazione del medesimo.  Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’ interno della volonta`.”*  (***J. F. Castano*** **– “Il Sacramento del Matrimonio”**).

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita’ tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali.  Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta’ lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita’ *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta’ tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata.  Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta’ ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva.  Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta’ u x-xewqa li teskludi z-zwieg.  Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista’ jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja

matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positiva della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita' vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostane della vita del medesimo soggetto. La volonta' oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi* – "Il Consenso Matrimoniale Canonico"**).

Illi fil-fatt jista' jinghad li ghalkemm il-prokreazzjoni tal-ulied hija mportanti tant li l-eskluzjoni taghha mill-kunsens moghti fiz-zwieg jista' jwassal ghall-annullament taz-zwieg, li tidhol u taghti l-kunsens taz-zwieg unikament ghall-istess wild, u teskludi l-elementi essenzjali l-ohra kollha, jista' jwassal ghan-nullita' tal-istess zwieg.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ftit li xejn kien jimpurtah jekk ikollhomx tfal jew le. Dan ghax huwa dejjem beza' mir-responsabbilta' li dawn igibu maghhom. Huwa anke jekk anticipa li l-piz tal-ulied seta' jaqa' kollu fuqu minhabba x-xoghol tal-konvenuta, qatt ma ghazel li jikkonfrontaha b'dan. Minflok dejjem qies l-impenji tax-xoghol tal-konvenuta bhala skuza komda ghalih. Meta effettivament ippruvaw, xejn ma kkonfonda li l-konvenuta ma nqabditx tqila, anzi dejjem ittama li dan ma jsehhx.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**, ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

- **<u>ARTIKOLU 19 (1) (b)</u>**:-

Illi l-attur ibbaza t-talba tieghu wkoll fuq dak provdut fl-**artikolu 19 (1) (b) tal-Kap 255** li jiddisponi kif gej:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra."*

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, imbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Illi ***Castano*** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

*"L'errore infatti e' un atto del' intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe' che non corrisponde alla verita' . E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare".*

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunsens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* jrid ikun tali illi min-natura tieghu jfixkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien, allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu, u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, issir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun *"directly and principally intended",* u cjoe' li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti ltaqghu meta l-attur kellu hmistax-il sena (15) u l-konvenuta kellha sittax-il sena (16), u damu johorgu flimkien mas-seba' (7) snin qabel ma zzewgu. Jirrizulta li t-tnejn li huma qed isostnu li zzewgu peress li kulhadd mill-familji taghhom kien qed jistenna li jsir dan, u anke peress li kienet il-konsegwenza naturali tar-relazzjoni taghhom. Wara tmien (8) snin flimkien isseparaw f'Mejju 2002, u jirrizulta li tali separazzjoni kienet idea tal-attur, tant li mix-xhieda tal-konvenuta, hija ftit jew wisq tinsab perplessa bid-determinazzjoni tieghu li jissepara minnha. Anzi tidher li hija sfat imwegga', b'din l-attitudini tal-attur, u anke dwar hafna affarijiet li l-istess attur xehed fl-affidavit tieghu.

Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li l-istess attur qed jibbaza ruhu fuq l-**artikolu 19 (1) (b), (d) u (f) tal-Kap 255** sabiex jitlob l-annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta, u l-Qorti thoss li minn ezami tal-provi certament li l-istess **artikolu 19 (1) (b)** assolutament ma japplikax ghall-kaz in ezami, *stante* li l-konvenuta jidher li dejjem agixxiet b'mod sincier u serju rigwardanti l-intenzjonijiet taghha ma' l-attur, kif l-istess jidher car mix-xhieda taghha permezz tal-affidavit. Illi fil-fatt jidher li l-partijiet kienu jafu lil xulxin sew, u kellhom iz-zmien sabiex isiru jafu lil xulxin ghaliex litteralment kibru flimkien.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jirrizulta li min-naha l-ohra l-kunsens tal-attur kien simulat ghaliex huwa minghajr ma qal lill-konvenuta ma kellux intenzjoni illi jghix maghha bhala mizzewweg ghal dejjem, izda kellu f'mohhu sa minn qabel iz-zwieg li jekk l-affarijiet ghalih ma jimxux kif xtaq, huwa kien jitlaq lill-istess konvenuta. Huwa semma wkoll li minn dejjem kien jaqbel mad-divorzju, pero' din waheda ma twassalx ghall-konkluzjonijiet hawn raggunti. Izda meta kkonsidrata mac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif manifestati fl-atti processwali, jirrizulta li l-attur ried mill-bidu ihalli ghalih innifsu tieqa minn fejn johrog, u dan iddeciedih qabel l-istess zwieg, bla ma qal xejn lill-konvenuta, u dan sabiex kollox jibqa' ghaddej kif ried u ppjana hu. Dan jikkombacja mad-deskrizzjoni tal-karattru

tal-attur bhala bniedem indeciz, izda l-aktar f'dak kollu li jkun jehtieg impenn totali min-naha tieghu. Allura fl-isfond ta' dan kollu jirrizulta li l-kunsens tal-attur kien simulat peress li in verita' huwa qatt ma kkommetta ruhu ghaz-zwieg indissolubbli u permanenti mal-konvenuta, izda dejjem kellu l-intenzjoni li f'kaz li dan l-istat ma joghgbux, huwa jabbanduna lill-istess konvenuta u addirittura jtemm l-istess relazzjoni. Dan huwa manifestat ukoll mill-fatt li jidher li zzewweg bir-rit religjuz kontra x-xewqa tieghu, u wkoll li meta kiesah u biered iddecieda li jittermina r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, dan ghamlu bla ebda rimors ta' xejn u bla ebda konsiderazzjoni ghal dak li kien ser jikkawzalha. Ghalxejn jipprova jsib id-difetti fil-karattru tal-istess konvenuta, ghaliex din ir-responsabbilta' ta' l-annullar ta' dan iz-zwieg tispetta biss u esklussivament lill-attur, li wera mix-xhieda tieghu li fil-fatt huwa dahak bil-konvenuta u laghab ghal kollox bis-sentimenti taghha, tant li jidher li proprju f'din il-kawza li hija saret taf min hu verament l-attur.

Illi l-istess jinghad fuq id-decizjoni tal-attur li ma jkunx hemm f'dan iz-zwieg prokreazzjoni ta' l-ulied. Huwa jipprova jitfa' tali decizjoni anke fuq l-ghatba tal-konvenuta, izda din fix-xhieda taghha permezz tal-affidavit bl-aktar mod kategoriku tinnega dan. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti u wara li ezaminat ix-xhieda kollha prodotta, jirrizulta li x-xhieda tal-konvenuta hija aktar verosimili, u jidher li d-decizjoni li ma jkunx hemm ulied kienet biss tal-attur. Fil-fatt din kienet kundizzjoni fil-kunsens tieghu sabiex jizzewweg lill-konvenuta, kundizzjoni li mponiha *ad insaputa* tal-istess konvenuta, u li din tabbraccja ruhha mal-kuncett zbaljat ta' zwieg li l-istess attur kellu f'mohhu. Jidher car li huwa qatt ma ried jikkommetti ghalih u qatt ma kellu ntenzjoni li jirrispetta l-elementi essenzjali tal-istess, fosthom il-permanenza u l-indissolubbilta' taz-zwieg u l-prokreazzjoni ta' l-ulied. F'dan l-istat ta' ncertezza u ngann *da parte* tal-attur hija hafna verosimili t-tezi li f'din it-tip ta' unjoni kif percepita minnu hu ma riedx ulied. Bhala fatt dan jinsab sostanzjat mix-xhieda tal-konvenuta, fejn jirrizulta li l-attur kien igib diversi ntoppi sabiex ma jkunx involut fl-ebda tip ta' azzjoni ntima li setghet twassal ghall-frott ta' l-ulied.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi milqugha *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess b'xi mod jistghu jigu kkonsidrati bhala kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-8 t'April 1994 null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975** ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------